MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2012

Numru 539/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**Vs**

**Edwin Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta’ Edwin Fenech ta' wiehed u erbghin (41) sena, bin Anthony Fenech u Frances Vella, imwieled fit-28 ta' Awwissu 1970 gewwa H' Attard, detentur ta' Karta ta’ l-Identità bin-Numru 358470(M), u residenti 14, Triq il-Fortizza, Mellieha, talli nhar 1-20 ta' Mejju 2012 ghall habta tal-10.30a.m., f' appartament fi Triq Salvu Camilleri, Mellieha, bil-hsieb li jikkometti delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ittanta li jikkaguna

ferita gravi fuq il-persuna ta' martu Elena Mikhailovna Fenech, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta tieghu;

Rat illi l-Prosekuzzjoni talbet illi f'kaz ta' htija l-Qorti tahseb ghas-sigurtà tal-vittma billi tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll kemm-il darba necessarju, tul il-kors ta' dawn il-proceduri tohrog Ordni ta' Protezzjoni favur il-vittma ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dan il-kaz u rat l-atti l-ohra kollha;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuza migjuba kontra tieghu u dana minkejja il-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena u nnotat li entrambe ddikjaraw li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-piena idoneja tkun wahda karcerarja sospiza ai termini tal-Ligi;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuza migjuba kontra tieghu, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-akkuza dedotta kontrih.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u li ghandu fedina penali netta, u hadet in konsiderazzjoni wkoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz li fihom sehh il-kaz in ezami.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 41, 214, 216 (1)(a)(b) u 222 (1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta,

filwaqt li ttenni li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu tikkundannah ghal perijodu ta' tliet (3) xhur prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta' l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' tliet (3) xhur prigunerija ghal sena (1) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda mal-piena imsemmija u biex tipprovdi ghas-sigurtà ta' Elena Mikhailovna Fenech u sabiex jinzamml-bon ordni pubbliku, il-Qorti torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu innifsu skont kif provdut fid-Digriet relattiv moghti llum stess u liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Il-Qorti wissiet lill-imputat bi kliem semplici l-konsegwenzi legali li jkollu jiffaccja f'kaz li jikser il-garanzija li qed tigi imposta fuqu ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta bid-Digriet imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------